# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Seduta tas-6 t'Ottubru, 2016

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Carmelo Farrugia**

Appell Nru: 26/2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellat, Carmelo Farrugia detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 786455M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fid-9 ta' April, 2013 ghall-habta ta' 13:30hrs u matul dawn il-granet u x-xhur ta' qabel go Solair Holiday Complex, Triq il-Gwiegi, Bugibba, San Pawl il-Bahar agixxa bi ksur tal-obbligazzjoni maghmula fis-9 ta' Dicembru, 2012, liema obbligazzjoni kienet maghmula skond is-subartikolu (1) tal-artikolu 13 tal-Att XIII tal-2003;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar is-16 ta' Jannar, 2015, li biha ma sabitx lill-imputat, Carmelo Farrugia hati u lliberatu.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, prezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-3 ta' Frar, 2015, li bih talab li tithassar u tkun revokata s-sentenza appellata wara li tisma' dan l-appell u minflok

ssib lill-appellat Carmelo Farrugia ħati ta' l-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu  u tinfliġġi l-piena skont il-liġi u fil-parametri relattivi;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat;

Rat l-atti kollha tal-kaz;

Ikkunsidrat:

1. Illi din hija sentenza dwar l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-appellat dwar in-nuqqas ta' dritt t'appell tal-Avukat Generali;

2. Illi fis-seduta tat-18 t'April, 2016, l-appellat talab lil din il-Qorti taghti decizjoni dwar l-eccezzjoni minnu sollevata illi l-appell tal-Avukat Generali ma jinkwadrax fl-artikolu 413(1)(iv)(i) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta kif dikjarat seduta stante mill-Prosekuzzjoni. L-Avukat Generali ddikjara li ma jaqbilx ma din l-eccezzjoni stante li hemm gurisprudenza estensiva li tghid li meta jkun hemm interpretazzjoni hazina tal-ligi din tinkwadra taht l-artikolu 413(1)(iv)(i). Ghal precizjoni jidher li l-partijiet riedu jaghmlu referenza ghall-artikolu 413(1)(b)(iv)(*i*) tal-Kapitolu 9 ghaliex dak minnhom citat altrimenti huwa inezistenti;

3. L-artikolu appena msemmi jipprovdi illi l-Avukat Generali jista' jappella f'dawk il-kazijiet li ghandhom x'jaqsmu ma' proceduri sommarji ghal reati li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali taht l-artikolu 370(1) u fil-kazijiet msemmija fl-artikolu 373, il-kwerelant meta l-imputat jew intimat ikun liberat minhabba f'li l-fatt ma jkunx fih ingredjenti ta' reat;

4. L-artikolu 370(1) tal-Kodici Kriminali, fid-data meta inghatat is-sentenza appellata (16 ta' Jannar 2015), kien jipprovdi ghall-massimu ta' piena ta' sitt xhur prigunerija *qua* kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. F'Marzu tas-sena 2015 bis-sahha tal-Att VIII din il-kompetenza zdiedet ghal zmien ta'

prigunerija ta' mhux aktar minn sentejn. Pero' din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-Avukat Generali iddikjara li l-appell tieghu sar fl-isfond tal-artikolu 413(1)(b)(iv)(*i*) meta l-artikolu 413 (1)(c) *"jaghtih dritt ta' appell b'mod generali w bla limiti"* (ara per ezemplari in rigward is-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joanne Darmanin Cassar tal-4 t'Awissu, 2006);

5. L-artikolu 44 tal-Kapitolu 465, il-Kapitolu tal-ligi li dwaru kien processat l-appellat, jipprovdi illi persuna misjuba hatja ta' reat ghall-ewwel darba kontra d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att tehel, meta tinstab hatja, il-multa hemm indikata jew terminu ta' prigunerija ta' mhux anqas minn sitt xhur u mhux aktar minn sentejn u f'kaz tat-tieni rejat il-multa hemm indikata jew prigunerija ta' mhux anqas minn sentejn u mhux izjed minn erba' snin.

6. Illi ghalhekk l-Avukat Generali ghandu d-dritt ta' appell b'mod generali u bla limiti fil-kaz odjern bl-applikazzjoni tal-ligi kif vigenti fiz-zmien meta inghatat s-sentenza appellata. Certament illi l-aggravju tal-Avukat Generali kif minnu mfisser, igifieri enuncjazzjoni, interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ligi, taqa' fil-mansjoni wiesgha tad-dritt tal-appell kif ravvizat fl-artikolu 413 (1) (c) tal-Kapitolu 9. Ghalkemm l-Avukat Generali, seduta stante, iddikjara li l-appell sar fl-ambitu tal-artikolu 413 (1)(b)(iv)(*i*) huwa evidenti li tali dikjarazzjoni kienet wahda zbaljata ghaliex ma ghandha l-ebda relazzjoni mal-aggravju nnifsu li kif gia inghad huwa abbracjat f'dak ravvizat fl-artikolu 413(1)(c);

7. Illi ghalhekk l-eccezzjoni tal-appellat qed tkun respinta.